# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 52

Data tal-laqgħa: 13 ta' April, 2022

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 13 ta' April 2022 fl-4.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fl-4.45p.m. billi ntqalet it-talba.

**52/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**52/01/01** Ma kienx hemm.

**52/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 50 u 51**

**52/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**52/02/02** **Para 48/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li CCTV camera tal-Ġnien ta' Żagħruna qed taħdem.

**52/02/03** **Para 48/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lill-kuntrattur fit-tabelli għal mal-*bollards.*

**52/02/04** **Para 48/02/04:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki sal-lum ma smajna xejn.

**52/02/05** **Para 48/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**52/02/06** **Para 48/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Lands Authority biex nieħdu għelieqi abbandunati li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**52/02/07** **Para 48/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ikkuntattjat lil Planning Authority fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**52/02/08** **Para 48/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl il-Planning Authority dalwaqt ser tieħu deċiżjoni.

**52/02/09** **Para 48/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**52/02/10** **Para 48/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadha ma saritx.

**52/02/11** **Para 48/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**52/02/12** **Para 48/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* għalissa għadha pendenti.

**52/02/13** **Para 48/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed naħdmu fuq l-*information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti.

**52/02/14** **Para 48/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lill-kuntrattur fi tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi.

**52/02/15** **Para 48/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Sqaq tal-Ferħa.

**52/02/16** **Para 48/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat biex issir *sleeping police* fi Triq Santa Katerina.

**52/02/17** **Para 48/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos.

**52/02/18** **Para 48/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-injam ġdid biex ngħattu x-xelter lest.

**52/02/19** **Para 48/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* f'parti minn Triq Fra D. Mifsud għadhom ma sarux.

**52/02/20** **Para 48/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina.

**52/02/21** **Para 48/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċevejna €2000 mir-Reġjun Tramuntana Christmas Decorations Support Scheme.

**52/02/22** **Para 48/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont ta' Dipartiment tad-Distretti ma jistax isir *culvert* fi Sqaq Warda.

**52/02/23** **Para 48/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat biex issir *sleeping police* fi Triq in-Naxxar.

**52/02/24** **Para 48/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella tal-qtates għal Triq l-Isqof Gargallo għadha ma saritx.

**52/02/25** **Para 48/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat *Keep Clear* quddiem rampa fi Vjal ir-Repubblika.

**52/02/26** **Para 48/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *cigarette bin* għal ħdejn Cent'Anni bar sar.

**52/02/27** **Para 48/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tiswija fuq is-serratura tal-bieba bil-ħsara tal-platform lift saret biss il-cover.

**52/02/28** **Para 48/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni tal-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 ma smajna xejn.

**52/02/29** **Para 48/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna *dog bin* għal sqaq fi Triq l-Indipendenza.

**52/02/30** **Para 48/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna *dog bin* għal ħdejn il-Ġnien ta' Żagħruna.

**52/02/31** **Para 48/03/01:** Is-Sindku qalet li s-Sur Bertu Aquilina, is-Sur Ronnie Gauci, u s-Sa. Elaine Vella jixtieqa jidħlu fis-Sotto Kumitat tal-Kultura. Il-Kunsill qabel unanimament.

**52/02/32** **Para 48/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Laqgħa Plenarja tal-AKL ħa ssir fis-17 u t-18 ta' Ġunju 2022.

**52/02/33** **Para 48/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella *No heavy vehicles* għal Triq San Nikola.

**52/02/34** **Para 48/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna *dog bin* għal Sqaq il-Mitħna.

**52/02/35** **Para 48/05/13:** Ġiet innutata stima mingħand il-Muzzan għal żewġ ħnejjiet fi Ġnien il-Paċi (€1000). Il-Kunsill qabel unanimament.

**52/02/36** **Para 48/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow lines* f'Misraħ il-Knisja (in-naħa ta' Sqaq ir-Ružarju) saru.

**52/02/37** **Para 48/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li twaħħlet tabella tal-qanfud fi Triq il-Ġnien.

**52/02/38** **Para 48/05/16:** Il-Kunsill qed jikkunsidra li jagħmel mejda ta' chess/tennis fil-Ġnien ta' top of the world.

**52/02/39** **Para 48/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow lines* ħdejn garaxx fi Triq F. Duminku Mifsud saru.

**52/02/40** **Para 48/06/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-offerta għal servizz ta' perit ser tiġi ppubblikata fid-19 ta' April 2022.

**52/02/41** **Para 50/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv *ħarġet works order* lis-Sur Charlie Mifsud biex jagħmel xogħol ta' ftuħ ta' passaġġi, qtugħ ta' ħaxix kbir, siġar, etc. minn quddiem Busietta Gardens sa nofs il-wied.

**52/02/42** **Para 50/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Lands Authority rigward il-proposta biex it-Torri tas-Semaforu jinbidel f'Mużew tal-Komunikazzjoni bir-Radju.

**52/02/43** **Para 50/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob laqgħa ma' Sur George Abdilla rigward it-talba għal antenna fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**52/02/44** **Para 50/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq LYT Yoga mis-Sa. Galea ma smajna xejn.

**52/02/45** **Para 50/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat għall-iskema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023.

**52/02/46** **Para 50/05/24:** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li niġbru 3 stimi għat-tisqija bil-bowser. Il-Kunsill qabel unanimament.

**52/02/47** **Para 50/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat rubber għal ma' kantuniera fi Triq Ferdinandu.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**52/02/48** **Para 50/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella li tindika li Triq Mons. L. Catania tidjieq.

**52/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**52/03/01** Is-Sindku qalet li tixtieq li Kunsill jorganizza t-Tberik tal-Annimali nhar il-Ħadd, 8 ta' Mejju 2022. Il-Kunsill qabel unanimament.

**52/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**52/04/01** Ma kienx hemm.

**52/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**52/05/01** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 9222 – Applikazzjoni għal 1.5 Keep Clear Bay / 'Reserved Parking Bay' fi Triq il-Mitħna.

**52/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 23 ta' Marzu 2022).

**52/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 30 ta' Marzu 2022).

**52/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 6 ta' April 2022).

**52/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Bjorn Bartolo – Training for the AED's delivered by Reġjun Tramuntana.

**52/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Dr. John Seychell Navarro – Isem ta' Triq Santa Katerina.

**52/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – Bolol Reġjonali Leaflet.

**52/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Lianne Cassar – Save the date – LCA Plenary (Friday, 17th & Saturday, 18th June).

**52/05/09** Fuq it-talba ta' Dwal Ġodda għal għajnuna għar-rappreżentazzjonijiet ta' Ħadd il-Palm. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**52/05/10** Fuq il-problema ta' tniġġis fi Sqaq numru 1, Triq San Ġwann. Is-Segretarju Eżekuttiv se tikteb l-ERA.

**52/05/11** Is-Sur Carl Grech qal li fi Triq ix-Xwieki ħafna drabi l-vann tal-persuni b'diżabilità ma jkunx jista' jgħaddi. Is-Segretarju Eżekuttiv se terġa' tikteb lill-Infrastructure Malta.

**52/05/12** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jinqata' l-ħaxix ta' Triq l-Isqof S. Gaffiero. Il-Kunsill qabel unanimament.

**52/05/13** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ssir manutenzjoni ta' *notice boards* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, Triq San Ġwann u x-Xwieki.

**52/05/14** Is-Sur Christopher Fenech ressaq talba għal kaxxa safra quddiem garaxx fi Sqaq tal-Ħofra u sabiex l-STOP ta' mal-art tersaq aktar 'il quddiem. Is-Segretarju Eżekuttiv se tikteb lil Transport Malta.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**52/05/15** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir kuntatt ma' resident li qed jirranġa l-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**52/05/16** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nordnaw tabella Għargħur → f'Birguma Bypass. Il-Kunsill qabel unanimament.

**52/05/17** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li s-Sur Alfred Cuschieri jibda jsaqqi Ġnien il-Paċi kull nhar ta' Sibt. Il-Kunsill qabel unanimament.

**52/05/18** Is-Sur Christopher Fenech ssuġġerixa li għal *Community Garden* jintużaw l-għelieqi ta' Searchlight Battery minflok il-Ġnien ta' Żagħruna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**52/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**52/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**52/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**52/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Mejju 2022 fil-5:30p.m.

*( firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**